Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 496/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

dwar l-awtorizzazzjoni tal-benzoat tas-sodju bħala addittiv tal-għalf għall-ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemira Oyj)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 134, 21.5.2011, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 413/2012 tal-15 ta' Mejju 2012	L 128	4	16.5.2012

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 496/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

dwar l-awtorizzazzjoni tal-benzoat tas-sodju bħala addittiv tal-għalf għall-ħnienes miftuma (detentur tal-awtorizzazzjoni Kemira Oyj)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din it-tip ta' awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-benzoat tas-sodju. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-benzoat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, biex jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi 'addittivi żootekniċi'.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel ('l-Awtorità') ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-1 ta' Frar 2011 ([2]) li s-sustanza stabbilita fl-Anness, skont il-kondizzjonijiet tal-użu proposti, m'għandhiex effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li dan l-addittiv wera benefiċċju sinifikanti f'termini ta' piż finali tal-ġisem tal-annimal u titjib fl-effiċjenza tal-konverżjoni alimentari tal-speċi fil-mira. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' ħtiġijiet speċifiċi ta' monitoraġġ. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tas-sustanza turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Konsegwentement, l-użu ta' din is-sustanza għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) *EFSA Journal* 2011;9(2):2005.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u l-grupp funzjonali "addittivi żootekniċi oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	L-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' ilma ta' 12 %			
Addittivi Żootekniċi: addittivi żootekniċi oħra (titjib fil-parametri tar-rendiment)									
4d 5	Kemira Oyj	Benżoat tas-sodju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* ►**M1** Benżoat tas-sodju: ≥ 99,0 % ◄ *Sustanza attiva* Benżoat tas-sodju $C_7H_5O_2Na$ *Metodu analitiku* ([1]) Għad-determinazzjoni tal-benzoat tas-sodju fl-addittiv tal-għalf: Il-metodu titrimetriku (Monografu 01/2008:0123 Farmakopea Ewropea) Għad-determinazzjoni tal-benzoat tas-sodju fit-taħlitiet ta' qabel u l-oġġetti tal-għalf: Il-metodu HPLC b'sistema ta' rilevament UV.	Ħnienes (miftuma)	—	—	4 000	1. L-addittiv m'għandux jitħallat ma sorsi oħra ta' aċidu benzoiku jew benzoati. 2. Għalf kumplimentari li jkun fih il-benzoat tas-sodju m'għandux jintema lill-ħnienes infushom. 3. Għal ħnienes (miftuma) sa 35 kg 4. Doża minima rakkomandata 4 000 mg/kg. 5. Għas-sigurtà: għandu jintlibes apparat għall-protezzjoni tan-nifs kif ukoll nuċċali, u għandhom jintużaw l-ingwanti	l-10 ta' Ġunju 2021

([1]) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx